Nru./No. 21,219
Prezz/Price
€2.70

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 9 ta' April, 2024
Tuesday, 9th April, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3997 - 4005
Government Notices ..... *3997 - 4005*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4005 - 4006
Police Notices ..... *4005 - 4006*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4006 - 4007
Notices to Mariners ..... *4006 - 4007*

Avviżi tal-Gvern ..... 4007 - 4009
Notices ..... *4007 - 4009*

Offerti ..... 4009 - 4013
Tenders ..... *4009 - 4013*

Avviżi tal-Qorti ..... 4013 - 4052
Court Notices ..... *4013 - 4052*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 471

BORD TA' REVIŻJONI DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 81(1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (L. S. 601.03), il-Prim Ministru għoġbu jaħtar lis-Sur Kenneth Swain B.Accty (Hons), Dip. Tax, FIA, FMIT, CPA, bħala Chairman fuq il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Din il-ħatra hija valida għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mis-27 ta' April, 2024.

Id-9 ta' April, 2024

Nru. 472

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Riżorsi Akkwatiċi Malta

NGĦARRFU b'din, illi skont l-Artiklu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595), Dott. Francis Fabri inħatar għal tliet snin bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Riżorsi Akkwatiċi Malta, b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2024.

Id-9 ta' April, 2024

Nru. 473

ART AGRIKOLA PROPRJETÀ TAL-GVERN (L.S. 573.06)

Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Agrikoltura

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 15(2) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, approva l-ħatra/ħatar il-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Agrikoltura, u għandhom jibqgħu validi sat-3 ta' Lulju, 2026.

Chairperson
Il-Perit Deborah Busuttil

Membri
Is-Sur Victor Curmi

GOVERNMENT NOTICES

No. 471

PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by article 81(1) of the Public Procurement Regulations (S. L. 601.03), the Prime Minister has appointed Mr Kenneth Swain B.Accty (Hons), Dip. Tax, FIA, FMIT, CPA, as Chairman of the Public Contracts Review Board. This appointment is valid for a period of three years with effect from 27th April, 2024.

9th April, 2024

No. 472

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Chief Executive Officer of the Aquatic Resources Malta Agency

IT is hereby notified, in terms of Article 26 of the Public Administration Act (Cap. 595), that Dr Francis Fabri has been appointed for three years, as Chief Executive Officer of the Aquatic Resources Malta Agency, as from 22nd February, 2024.

9th April, 2024

No. 473

GOVERNMENT-OWNED AGRICULTURAL LAND (S.L. 573.06)

Agricultural Advisory Committee

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 15(2) of the Subsidiary Legislation 573.06, the Minister for Lands and the Implementation of the Electoral Programme, has confirmed the appointment/appointed the following persons to serve on the Agricultural Advisory Committee, and shall remain valid till the 3rd July, 2026.

Chairperson
Perit Deborah Busuttil

Members
Mr Victor Curmi

Is-Sa Joanie Galea
Is-Sur Alex Borg
Is-Sur Reuben Montebello

Segretarja
Is-Sa Jacqueline Bonnet

Id-9 ta' April, 2024

Nru. 474

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,215 tat-2 ta' April, 2024 (Avviżi Legali 79 sa 82).

A.L. 79 tal-2024: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Għotja ta' Investiment Intelliġenti u Sostenibbli.

A.L. 80 tal-2024: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera.

A.L. 81 tal-2024: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro.

A.L. 82 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Kap. 607); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

Id-9 ta' April, 2024

Nru. 475

AĠENT DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntat Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-4 ta' April, 2024:

Kunsill Lokali	*Aġent Deputat SegretarjuEżekuttiv*
Reġjun Punent	Tania Farrugia

Id-9 ta' April, 2022

Ms Joanie Galea
Mr Alex Borg
Mr Reuben Montebello

Segretary
Ms Jacqueline Bonnet

9th April, 2024

No. 474

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,215 of 2nd April, 2024 (Legal Notices 79 to 82).

L.N. 79 of 2024: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Smart and Sustainable Investment Grant (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 80 of 2024: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Rent Subsidy (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 81 of 2024: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Micro Investment (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 82 of 2024: Further and Higher Education Act (Cap. 607); Further and Higher Education (Licensing, Accreditation and Quality Assurance) (Amendment) Regulations, 2024.

9th April, 2024

No. 475

LOCAL COUNCIL AGENT DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Agent Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 4th April, 2024:

Local Council	*Agent Deputy Executive Secretary*
Western Region	Tania Farrugia

9th April, 2024

Nru. 476

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI

Ordni ta' Kanċellazzjoni

NGĦARRFU b'din illi b'ordni tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji s-segwenti organizzazzjonijiet volontarji kienu effettivament kanċellati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi:

Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni *Name of Voluntary Organisation*	Organizzazzjoni *VO number*	Data tal-Kanċellament *Date of Cancellation*
Bangladesh Cultural Association in Malta (BCAM)	VO 1448	25.03.2024
Filipino Overseas Contract Workers Malta	VO 0474	25.03.2024
Indigo Foundation	VO 1177	25.03.2024
Egyptian Maltese Community	VO 1183	25.03.2024
St. George and St. Michael Foundation	VO 2270	25.03.2024
Malta Cross Foundation	VO 886	25.03.2024
Poseidon Foundation	VO 1539	25.03.2024
UMU Anomia Association	VO 1693	25.03.2024
The Foundation for Christian values	VO 1735	25.03.2024
Permaculture Research Foundation	VO 0448	25.03.2024
Indigenous People of Biafra Association	VO 1408	25.03.2024
Somali Community in Malta	VO 1184	05.04.2024
Holy Family Home Support Group	VO 1145	05.04.2024
Gozo Jesus Centre	VO 0353	05.04.2024

Din l-ordni ta' kanċellazzjoni qed issir skont l-artikolu 13(5) ta' Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid illi "jekk il-Kummissarju, madankollu, jiddetermina, wara li tkun saret l-iskrizzjoni taħt dan l-artikolu, li l-element tal-iskop pubbliku jew tal-benefiċċju pubbliku skont dawn id-dispożizzjonijiet huwa nieqes fl-organizzazzjoni rilevanti, jista'permezz ta' avviż bil-miktub, jordna s-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni tal-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja bil-ħruġ ta' Ordni ta' Sospensjoni jew Ordni ta' Kanċellazzjoni, kif jidher li jkun adegwat fiċ-ċirkostanzi".

Hekk ukoll kif stipulat f'artiklu 20(1) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta, kull min għandu fil-pussess tiegħu iċ-Ċertifikat ta' Iskrizzjoni tal-organizzjonijiet hawn fuq kanċellati, huwa mitlub biex minnufih irodd dan iċ-ċertifikat lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kull min jonqos milli jrodd lura dan iċ-ċertifikat fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifikazzjoni, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' €232.93 u multa ta' €11.64 għal kull ġurnata li jonqos milli jagħmel dan.

No. 476

OFFICE OF THE COMMISSIONER FOR VOLUNTARY ORGANISATIONS

Cancellation Order

IT is hereby notified that the Commissioner for Voluntary Organisations has issued a cancellation order whereby the following voluntary organisations have been cancelled for all intents and purposes of the law:

This cancellation order is being made according to that stipulated in article 13(5) of Chapter 492, Laws of Malta, that states if the Commissioner determines, after enrolment under this article, that the element of a public purpose or public benefit in terms of these provisions is absent in the relevant organisation, he may by notice in writing, order the suspension or the cancellation of the enrolment of the voluntary organisation by the issue of a Suspension Order or a Cancellation Order, as appears appropriate in the circumstances.

In accordance with article 20(1) of Chapter 492, Laws of Malta, any person who is in possession of the Certificate of Enrolment of these mentioned cancelled voluntary organisations is formally required to return such certificate to the Commissioner for Voluntary Organisations. Whoever fails to surrender such certificate within fifteen (15) days of this notification shall be guilty of an offence against this Act and shall be liable, on conviction, to a fine (multa) of €232.93 and a fine (multa) of €11.64 for every day of default.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ukoll għal fini tal-artikolu 7(1)(g) u Artiklu 34(1) sa (9) tal-Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kull entità jew persuna li għandha fil-pussess tagħha xi assi ta' kwalunkwe tip li huma proprjetà ta' kwalunkwe organizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq, huma interpellati sabiex jagħmlu komunikat b'mod immedjat mal-istess Uffiċċju tal-Kumissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji permezz ta' ittra elettronika lil (legal.cvo@gov.mt).

Din il-pubblikazzjoni qed issir bla preġudizzju għal kull azzjoni li l-istess Kumissarju jista' jieħu kontra l-istess Organizzazzjonijiet u jew l-amministraturi tagħhom għal din l-inadempjenza.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 19(9) tal-Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta.

Av. John Seychell Navarro, LLD
Direttur (Servizzi Legali, Konformità u Investigazzjonijiet),
għall-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji

Id-9 ta' April, 2024

This publication is also being made in terms of article 7(1)(g) and article 34(1) to (9) of Chapter 492 of the Laws of Malta and henceforth any person or entity who is in possession of any assets of any type, belonging to or held on behalf of any organisation mentioned are formally requested to communicate with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations immediately by email to (legal.cvo@gov.mt).

This publication is being made without prejudice to any other action the same Commissioner for Voluntary Organisations may take against the defaulting organisations and their administrators for their non-compliance.

This publication is being made according to article 19(9) of Chapter 492 of the Laws of Malta.

Dr John Seychell Navarro, LLD
Director (Legal, Compliance and Investigations),
On behalf of the Commissioner for Voluntary Organisations

9th April, 2024

Nru. 477

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, l-ko-inkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn ko-inkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

Id-9 ta' April, 2024

No. 477

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

9th April, 2024

Nru. tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru. tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRI 1/2022/1343	Z50382-006	Field Tal-Ħamri - GĦAJNSIELEM	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2024/0133	Z50375-002	3rd Ptn of Lands San Teodoru/ Sant'Elija - GĦAJNSIELEM	Transfer of agricultural lease rights onto in solidum co tenant

Nru. 478

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Emanuel Attard, Triq il-Pirata u Triq in-Nagħal, Santa Venera (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4002);

Parti minn Triq il-Kaħwiela, Ħaż-Żabbar (indikat fuq il-Pjanta fuq paġna 4003).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn l-10 ta'April, 2024 u t-30 ta'Settembru, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Emanuel Attard, Triq il-Pirata u Triq in-Naghal, Santa Venera. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-15 ta'April, 2024 u t-30 ta'Novembru, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq il-Kaħwiela, Ħaż-Żabbar. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Id-9 ta' April, 2024

No. 478

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Emanuel Attard, Triq il-Pirata u Triq in-Nagħal, Santa Venera (indicated on site plan on page 4002);

Part of Triq il-Kaħwiela, Ħaż-Żabbar (indicated on site plan on page 4003).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 10th April, 2024 and 30th September, 2024, it will be starting road works in Triq Emmanuel Attard, Triq il-Pirata u Triq in-Nagħal, Santa Venera. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 15th April, 2024 and 30th November, 2024, it will be starting road works in part of Triq il-Kaħwiela, Ħaż-Żabbar. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further information or assistance may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

9th April, 2024



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Santa Venera\2023 Santa Venera.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: SANTA VENERA
Triq Emanuel Attard - Triq il-Parata - Triq In-Naghal - Triq L-Inkwina - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
April 2023	-	IMD125/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	2


ŻABBAR
SITE
TRIQ IĊ-ĊIMITERJU
TRIQ IL-KAWIELA
TRIQ IS-SAJJIED
TRIQ MONS. SALVU FORMOSA
ĊIMITERJU KAPPELLA
HISRAT SAN BAKBU
KAPPELLA
33.4
35.4
38.5
40
39.0
41.4
40.8
40.0
43.0
29.9
31.9
UNIT NAME: IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT: N.V.
PROJECT LEADER: -
DRAWN BY: -
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon
DRAWING TITLE: ĦAŻ-ŻABBAR po Triq il-Kawiela SITE PLAN
Extends of works aren't binding but indicative
DATE: March 2024
FILE NO: -
DRAWING NO: IMD238/22
SHEET SIZE: A4
SCALE: 1:2500
REVISION: C
PAGE NO: 13
S:\Traffic Management\2022\Zabbar\2022 Zabbar.dwg

Nru. 479

KONSLU ONORARJU TAN-NAMIBJA F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika tan-Namibja ħatar lis-Sinjura Anna Isabella Stivala bħala Konslu Onorarju tan-Namibja f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

130, Triq l-Alwetta,
Il-Mellieħa MLH 2733

Numru tal-mowbajl: +356 7901 5426

Indrizz elettroniku: (namibiacm@gmail.com)

Id-9 ta' April, 2024

No. 479

HONORARY CONSUL OF NAMIBIA IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of the Republic of Namibia has appointed Mrs Anna Isabella Stivala as Honorary Consul of Namibia in Malta.

The Honorary Consulate is situated at:

130, Triq l-Alwetta,
Mellieħa MLH 2733

Mobile number: +356 7901 5426

Email address: (namibiacm@gmail.com)

9th April, 2024

Nru. 480

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
9.4.2024	€67.955	€0.791

Id-9 ta' April, 2024

No. 480

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

9th April, 2024

Nru. 481

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 69/2024

ILLI permezz ta' digriet datat nhar il-5 t' April, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabet li n-Nutar Dott. Mark Sammut Sassi naqas milli jwettaq dak li ġie lilu ordnat bid-digriet tagħha tal-23 ta' Jannar, 2024, u għalhekk, wara li rat l-Artikolu 124 (4) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-inabilitazzjoni parzjali tal-istess nutar b'seħħ

No. 481

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 69/2024

BY a decree dated 5th April, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts found that Notary Dr Mark Sammut Sassi failed to execute what he has been ordered to do in its decree of the 23rd January, 2024, and consequently after having seen Article 124 (4) of Chapter 55 of the Laws of Malta, orders the partial incapacitation of the said notary with immediate effect

immedjat u sakemm jibqa' ma jottemporax ruħu mal-ordni lilu mogħtija.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum 5 ta' April, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 71

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 28 ta' April, 2024, mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Kbira, Triq San Leopoldu, Misraħ Lazzru, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti u Triq P. P. Saydon;

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Il-Furjana

Mill-5.00 a.m. tal-Ħamis, 11 ta' April, 2024 sal-5.00 a.m. tal-Ħadd 14 ta' April, 2024, minn Triq San Publju bejn Triq l-Assedju l-Kbir u Triq il-Miratur, Pjazza San Publju bejn Triq Sarria u Triq San Publju, Triq Sarria bejn Triq San Tumas u Triq l-Assedju l-Kbir u l-parkeġġ ta' quddiem l-Istitut Kattoliku.

Għeluq ta' Triq Sarria mill-5.00 a.m. tal-Ġimgħa, 12 ta' April 2024, sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 14 ta' April, 2024.

It-Trasport Pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

Għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' April, 2024

and up to such time when he shall have executed the order given to him by the aforesaid decree.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today 5th April, 2024

POLICE NOTICE

No. 71

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Sunday, 28th April, 2024, from 4.00 p.m. till 10.00 p.m., through Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Kbira, Triq San Leopoldu, Misraħ Lazzru, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti and Triq P. P. Saydon;

On Sunday, 5th May, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika .

Public transport will also be affected.

Floriana

From 5.00 a.m. of Thursday, 11th April, 2024 till 5.00 a.m. of Sunday 14th April, 2024, through Triq San Publju between Triq l-Assedju l-Kbir and Triq il-Miratur, Pjazza San Publju between Triq Sarria and Triq San Publju, Triq Sarria between Triq San Tumas and Triq l-Assedju l-Kbir and the parking in front of the Catholic Institute.

Closure of Triq Sarria from 5.00 a.m. of Friday, 12th April 2024, till 1.00 a.m. of Sunday, 14th April, 2024.

Public Transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

9th April, 2024

PULIZIJA TA' MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound tal- Pulizija.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-15 ta' April, 2024, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2294 2045 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (nathan.bugeja@gov.mt).

Għamla	Mudell	Kulur	Nru. Ta' Reġistrazzjoni/ Chassis	Lokalità ta' tneħħija
Make	*Model*	*Colour*	*Registration/Chassis Number*	*Locality of removal*
Mercedes	S Class	Blu	WDD2220321A108120	
Mercedes	Gle	Silver	WDC1660041A352728	
Mini	Cooper		WMWZD310XOWM89495	

Id-9 ta' April, 2024

MALTA POLICE

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at the Police compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by the 15th April, 2024, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained on telephone number 2294 2045 from 9.00 a.m. till noon, or by sending an email to (nathan.bugeja@gov.mt).

9th April, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 25 tal-2024

Birżebbuġa Sailing Club – Crosscraft Spring Regatta 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, b'dan jgħarraf lill-baħħara li l-Birżebbuġa Sailing Club se jorganizza l-Crosscraft Spring Regatta 2024 bejn is-Sibt, 13 ta' April u l-Ħadd, 14 ta' April, 2024.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 25 of 2024

Birżebbuġa Sailing Club – Crosscraft Spring Regatta 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that the Birżebbuġa Sailing Club shall be holding the Crosscraft Spring Regatta 2024 between Saturday, 13th April and Sunday, 14th April, 2024.

It-tlielaq għandhom isiru mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. (ħin lokali) fil-ġranet kollha.

Tlielaq ta' klassijiet differenti għandhom isiru fuq żewġ (2) rotot favur/kontra r-riħ maġenb xulxin, iċċentrati fiż-żona magħżula għat-tbaħħir skont il-kundizzjonijiet tat-temp prevalenti. Ara s-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) li juri ż-żoni A, B u C.

Il-rotot, li madwarhom il-kompetituri għandhom ibaħħru, għandhom ikunu definiti b'marki oranġjo li jintefħu (waypoints) ta' madwar 1.5 metri għoli.

It-tlielaq se jsiru meta l-ebda traffiku ta' bastimenti merkantili ma jkun skedat li jidħol jew jitlaq mil-Malta Freeport Terminals.

Il-kaptana tal-inġenji kollha li mhumiex involuti direttament f'dawn l-avvenimenti, huma mitluba jżommu 'l bogħod miż-żona tat-tlielaq, speċjalment min kull waħda mill-marki tat-tidwir. Il-baħħara kollha għandhom josservaw kull struzzjonijiet li jistgħu jingħataw mir-Race Organisers Safety Craft jew fuq VHF Channels 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS.

Charts affettwati: BA 36, 2538

Id-9 ta' April, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża (ELTC)

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża (ELTC) jgħarrfu lill-kandidati li huma interessati li joqogħdu għall-Eżami għal Għalliema tal-Lingwa Ingliża (TELT), li l-applikazzjonijiet se jibdew jintlaqgħu mit-Tnejn, 8 ta' April sal-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024.

L-applikazzjonijiet se jintlaqgħu biss online.

1. Applikanti li m'għandhomx eID huma mitluba li jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numri 25982 967/2989.

2. L-eżami se jkun jikkonsisti f'Karta bil-Miktub li se ssir nhar is-Sibt, 18 ta' Mejju, 2024.

3. L-applikanti jridu japplikaw permezz tas-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/applications/) u jħallsu l-miżata ta' €35.00. Dawk il-kandidati li m'għandhomx aċċess għall-eID għandhom jikkuntatjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet kif indikat fl-ewwel paragrafu.

4. Dawk kollha li se jpoġġu għat-TELT ta' Mejju jridu japplikaw għas-SEPTT (test orali). Aktar dettalji rigward dan l-eżami jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku (eltcouncil.gov.mt).

Races shall take place from 9.00 a.m. till 5.00 p.m. (local time) on all days.

Class races shall take place over two (2) adjacent upwind/downwind courses, centred in the selected sailing area depending on the prevailing weather conditions. Refer to chart showing areas A, B and C on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The courses, around which the competitors shall have to sail, shall be defined by orange inflatable marks (waypoints) of about 1.5 meters in height.

Races will take place, only when no merchant vessel traffic is scheduled to enter or to depart, from the Malta Freeport Terminals.

Masters of all craft, not directly involved in any of these events, are asked to keep clear of the racing areas, especially at each of the turning marks. All mariners are to observe any instructions that may be given from the Race Organisers Safety Craft or on VHF Channels 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS.

Charts affected: BA 36, 2538

9th April, 2024

EXAMINATIONS DEPARTMENT

English Language Teaching Council (ELTC)

The Director of Examinations and the English Language Teaching Council (ELTC) notify candidates who are interested to sit for the Test for English Language Teachers (TELT), that applications will be received from Monday, 8th April to Friday, 26th April, 2024.

Only online applications will be accepted.

1. Applicants who do not have an eID need to contact the Examinations Department on 2598 2967/2989.

2. The examination will consist of a Written Session, which will be held on Saturday, 18th May, 2024.

3. Applicants are to apply online via link (https://myexams.gov.mt/applications/) and pay the relevant fee of €35.00. Candidates who do not have access to the eID are to contact the Examinations Department as indicated in the first paragraph.

4. All those sitting for May 2024 TELT session will need to apply for SEPTT (oral test). More details regarding this test are available on the ELT Council website (eltcouncil.gov.mt).

5. Aktar dettalji relatati mas-sejħa għall-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Malta, bin-numri tat-telefown (+356) 2598 2967/2989, l-indirizz elettroniku: (myexams@gov.mt); jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Għawdex, bin-numri tat-telefown (+356) 25980060/1; jew mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/).

Id-9 ta' April, 2024

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf illi skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, li n-notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni bejn Columbia Technology Ltd (Majuro Atoll, Marshall Islands) u SITA B.V. (Rotterdam, l-Olanda) ġiet ippreżentata nhar il-Erbgħa, 3 ta' April, 2024.

In-natura tal-konċentrazzjoni hija t-twaqqif ta' impriża konġunta, SmartSea Limited, bejn Columbia Technology Ltd u SITA B.V., li toffri servizzi ta' IT u diġitalizzazzjoni lil klijenti fis-settur marittimu.

Columbia Technology Ltd toffri servizzi ta' maniġġjar tal-IT għall-vapuri u tifforma parti mill-Grupp Schoeller. Il-grupp, permezz tas-sussidjarji tiegħu, huwa attiv fl-industrija tat-trasport tal-baħar.

SITA B.V. hija parti mill-Grupp SITA. Il-grupp jipprovdi sistemi tal-IT u teknoloġija tal-komunikazzjoni bi speċjalizzazzjoni fuq it-trasport bl-ajru.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar din il-konċentrazzjoni notifikata fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

jew (competition@mccaa.org.mt).

Id-9 ta' April, 2024

5. Other details related to the call for applications may be obtained from the Examinations Department, Malta, telephone numbers: (+356) 2598 2967/2989, email address (myexams@gov.mt); or from the Examinations Centre, Gozo, telephone number (+356) 2598 0060/1; or from the website (https://myexams.gov.mt/).

9th April, 2024

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations 2002, published in Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Columbia Technology Ltd (Majuro Atoll, Marshall Islands) and SITA B.V. (Rotterdam, Netherlands) was filed on Wednesday, 3 April, 2024.

The nature of the concentration is the creation of a fully functional joint venture, SmartSea Limited, between Columbia Technology Ltd and SITA B.V. offering IT and digitalisation services to maritime customers.

Columbia Technology Ltd offers ship IT management services and forms part of the Schoeller Group. The group, through its subsidiaries, is active in the shipping industry.

SITA B.V. is part of the SITA Group. The group provides IT systems and communications technology with a focus on air transport.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written objections on this notified concentration within seven days following publication of this notice at the following address:

Malta Competition and Consumer
Affairs Authority
Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

or (competition@mccaa.org.mt)

9th April, 2024

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li nhar it-Tnejn, 15 ta' April, 2024, mid-9.30 a.m. sal-11.30 p.m., 156, Triq Ġorġ Borġ Olivier se tkun magħluqa għat-traffiku, trasport pubbliku inkluż.

Uffiċjali ta' Transport Malta se jkunu fuq il-post sabiex jiddevjaw it-traffiku.

Id-9 ta' April, 2024

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Rabat Local Council notifies that on Monday, 15th April, 2024, from 9.30 a.m. till 11.30 p.m., 156, Triq Ġorġ Borg Olivier shall be closed for traffic, including public transport.

Transport Malta officers shall be on site to divert traffic flow.

9th April, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 25 ta' April, 2024, għal:

Avviż Nru. 17. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' Ħanut f'Nru. 2, Blokk 'E', Qasam tad-Djar Tal-Ħawli, Il-Birgu, kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala 'Shop No. 2' fuq il-pjanta P.D.78_80_19_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €8,385 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin ewro (€2,795) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 18. Kiri ghall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale, bl-isem ta' 'Regent' f'Nru. 29 Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2019_0334. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €49,101 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittax-il elf u tliet mija u sebgħa u sittin ewro (€16,367) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 19. Kiri, għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena, ta' fond vojt tale quale u fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija f'Nru. 2, Triq Fuq San Pawl, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2009_399. Dan il-fond ma jistax jintuża għal skopijiet residenzjali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €11,661 kif

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 25th April, 2024, for:

Advt No. 17. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a Shop at No. 2, at Block 'E', Tal-Ħawli Housing Estate, Vittoriosa, as shown edged in red and marked as 'Shop No. 2' on the plan P.D.78_80_19_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €8,385 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and seven hundred and ninety-five euro (€2,795) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 18. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, called 'Regent' at No. 29, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema, as shown edged in red on the plan P.D.2019_0334. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €49,101 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixteen thousand and three hundred and sixty-seven euro (€16,367) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 19. Lease, for commercial purposes for a period of fifteen (15) years, of the bare premises tale quale in its present state including any latent defects at No.2 Triq Fuq San Pawl, Cospicua, as shown edged in red on plan P.D.2009_399. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,661 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and

stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u tmien mija u sebgħa u tmenin ewro (€3,887) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 20. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru. 18, City Gate Arcade, Misraħ il-Ħelsien, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar u mmarkat Shop No. 18 fuq il-pjanta P.D.2006_549_18. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €22,410 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u erba' mija u sebgħin ewro (€7,470) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Id-9 ta' April, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 10 ta' April, 2024.

ERU0404U24A – Devices
ERU0404U24 – Devices
ERU0404U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-9 ta' April, 2024

eight hundred and eighty-seven euro (€3,887) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 20. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop tale quale No. 18, City Gate Arcade, Misraħ il-Ħelsien, Valletta, as shown edged in red and marked Shop No. 18 on plan P.D.2006_549_18. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €22,410 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and four hundred and seventy euro (€7,470) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

9th April, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 10th April, 2024.

ERU0404U24A – Devices
ERU0404U24 – Devices
ERU0404U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

9th April, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 11 ta' April, 2024.

ERU0504U24A – Devices
ERU0504U24B – Medicinal
ERU0504U24 – Devices
ERU0504U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-9 ta' April, 2024

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

